**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 32

Data tal-laqgħa: 10 ta' Jannar, 2017

*Il- Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 10 ta' Jannar 2017 fis-6.10p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** | |
|---|---|---|
| Sindku | Ġiljan Aquilina | |
| Viċi Sindku | Mario Gauci | |
| Kunsillieri | Christopher Fenech | |
| | Carl Grech | 6.30p.m. |
| | Mark Azzopardi | |
| Ambaxxatur Żagħżugħ | Skużat | |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti | |

Il-laqgħa bdiet fis-6.10 p.m. billi ntqalet it-talba.

**32/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**32/01/01** Ma kienx hemm.

**32/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 31**

**32/02/01** Is-Sur Mark Azzopardi talab li fejn 31/06/08 jitnizzel l-isem tat-triq. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**32/02/02** **Para 31/02/02:** Is-Sindku spjega li skont żewġ estratti mil-liġi l-ammont kiosks ta' zmien il-festa ma jistax jinbidel. Is-Sur Christopher Fenech saħaq li dawk li għandhom permess jibqgħu filwaqt li l-oħrajn jitneħħew. Gie deciz li ghall-festa li gejjin jigu immarkati l-posti skont il-permessi mahruga u dawk il-gabbani li jarmaw minghajr permess jew mhux fil-post indikat lilhom jigu irrapurtati lill-Pulizija.

**32/02/03** **Para 31/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qeda ssegwi mal-ENEMALTA sabiex il-bozza titqabbad.

**32/02/04** **Para 31/02/06:** Il-Kunsill ma jafx min hu l-bidwi li jrid ineħħi l-bajtar tax-xewk mill-passaġġ fi Sqaq il-Ħofra.

**32/02/05** **Para 31/02/07:** Il-*crash barrier* li tlabna lil TM għal Triq Santa Katerina ghadha saritx.

**32/02/06** **Para 31/02/08:** Il-*yellow line* fi Triq Ferdinand k/m Triq il-Ġnien ha jsir mill-ħaddiem tal-Kunsill ghaliex kif sar ma sarx tajjeb.

**32/02/07** **Para 31/02/10:** Il-Kunsill qed isegwi ma' TM fuq ir-*resurfacing* ta' parti mit-Triq l-Indipendenza.

**32/02/08** **Para 31/02/11:** L-applikazzjoni sabiex il-kamra biswit l-iskola tiġi devoluta waslet għand id-Dipartiment tal-artijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tiċċekkja mal-Kappillan jekk min-naħa tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni ġeddux il-kera.

**32/02/09** **Para 31/02/17:** Fuq il-proposta tal-ġnien żgħir ħdejn is-Searchlight Battery, is-Sindku spjeġa li l-Perit kellu bżonn survey min-naħa tal-MEPA.

**32/02/10** **Para 31/02/18:** Fuq it-talba għal mera faċċata ta' St. Mark's House fi Triq San Ġwann, il-Kunsill ma qabilx għax kien ser jinħoloq preċedent.

**32/02/11** **Para 31/02/19:** Il-*junction box* ta' Triq San Nikola tneħħit.

**32/02/12** **Para 31/02/20:** Il-kaxxa safra fi Triq San Ġwann ħdejn l-Sprayer għadha ma tneħħitx.

**32/02/13** **Para 31/02/21:** Il-bandiera ta' Ħal Għargħur ġiet ordnatha.

**32/02/14** **Para 31/02/22:** Ir-*refreshing* tal-*markings* ta' Triq F. Zarb kif ukoll il-*yellow line* fi Triq l-Isqof Gargallo ħa jsiru fil-ġranet li ġejjin.

**32/02/15** **Para 31/02/25:** Is-Sindku spjega li l-Ing. Mario Sammut jista' jgħinna biex jiġi fformulat it-tender.

**32/02/16** **Para 31/02/26:** Is-Sur Ġiljan Aquilina spjega li nġabru €1000 b'risq il-*Community Chest Fund* waqt l-attivitajiet tal-Milied.

**32/02/17** **Para 31/02/28**: Il-Kunsill qabel li jinsisti mal-Bank of Valletta li jintrabat dan jintrabat li jzomm is-servizz tal-ATM ghal mill-inqas 5 snin. Dan sabiex jinghata servizz lir-residenti wara li l-Kunsill ser ikun nefaq aktar minn €10,000 sabiex issir il-kamra tal-ATM etc. Is-Sindku spjega li d-dawl u l-ilma ser jitħallas mill-Bank of Valletta. Ix-xogħol miexi, Gie innotat li nsteraq xi safety flooring. Il-Kunsill unanimament qabel li jagħmel kuntatt mal-MQUIP sabiex jiġu jagħmlu *site-visit* ħalli jiċċekkjaw kemm il-bandla kif ukoll il-*flooring*. Sur Ġiljan Aquilina qal li jonqos il-qies tal-bieb. Dan il-post ħa jintuża mill- Bank of Valletta għal ATM bla kera.

**32/02/18** **Para 31/02/30:** Il-fjuri fi Triq Stiefnu Zerafa li ħa jsiru mill-E.L.C għadhom pendenti.

**32/02/19** **Para 31/02/32:** Is-Sindku u s-Sur Christopher Fenech għandhom jiltaqgħu mal-Foreman tad-Direttorat tat-toroq sabiex isir culvert fi Sqaq il-Ħofra u ieħor fi Triq San Nikola.

**32/02/20** **Para 31/04/01:** Fuq il-proġett tal-għaqda ta' B'Kara St. Joseph, il-Sur Christopher Fenech propona li l-Kunsill jiltaqa' mal-Kumitat ta' Xwieki u li nibagħtu ittra lir-

residenti. Il-Viċi-Sindku kif ukoll is-Sur Mark Azzopardi qalu li l-Kunsill għandu jinforma lir-residenti malajr kemm jista' jkun. Is-Sindku spjega li aħjar nitolbu kjarifika lill-Ministru. Kulħadd qabel li fl-ittra għandna nispjegaw li bħala Kunsill bqajna nitolbu li l-art tiġi devoluta lilna peress li ma segwewx il-kundizzjonijiet. Li l-kuntratt għadu għaddej imma it-talba tagħna ma ntlaqatx. Is-Segretarju Parlamentari nfurmana li aktarx ħa jsir proġett kummerċjali u sportiv. Kien hemm qbil unanimu li l-ewwel l-ittra li ser tintbaghat lir-residenti ghandha tintbgħat lill-Kunsilliera kollha.

**32/02/21** **Para 31/04/02:** Il-Kunsill kiteb lis-*Street Naming Committee* sabiex l-isqaq magħruf bħala tal-Fusinu jiġi jismu Sqaq ta' Ċint il-Wiesgħa. Barra minn hekk il-Kunsill qabel li minn fejn ta' Menz sa ħdejn tal-VRT tiġi Triq Dun Karm Bezzina peress li dan tal-aħħar ta' kontribut fil-Għargħur. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tiċċekkja l-*legal notice*.

**32/02/22** **Para 31/06/08:** Is-Sur Mark Azzopardi talab li l-linji mal-kantuniera ta' Triq il-Qiegħed jitwalu.

**32/03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Annwali**

**32/03/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**32/04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**32/04/01** Is-Sindku ressaq kopja tal-*Co-operation Agreement between The Region & Local Councils.* Il-Kunsill qabel li nkunu parti mis-sejħa maħruġa mir-Reġjun u li aħna ser inkunu qegħdin inħalsu għas-servizz mitlub min-naħa tagħna.

**32/05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**32/05/01** Ma kienx hemm.

**32/06 Ilmenti u Suġġerimenti**

**32/06/01** Daħal ilment sabiex titneħħa għatba u qsari minn sqaq fi Triq Karmnu Zarb. Kien hemm qbil li nibagħtu ittra lil sid id-dar u ngħidulha li trid tneħħihom fi żmien għaxar t'ijiem.

**32/06/02** Fuq l-ilment li l-bankina ta' Triq Stiefnu Zerafa ġejja għal ponta, il-Kunsill qabel li niżbgħu l-kurduna b'zebgha safra.

**32/06/03** Fuq it-talba li titbaxxa parti mill-bankina fit-Triq Excelsior, il-Kunsill qabel li ssir *site-visit.*

**32/06/04** Is-Sur Mario Gauci talab li ssir *bus-bay* fi Triq Wieħed u Tletin ta' Marzu u li titneħħa l-*bus-bay* ta' Triq San Bartilmew u minflok tiġi *bus-stop*. Il-Kunsill qabel ma dan is-suggeriment. Is-Sindku ser jicekkja ma TM fuq din id-decizjoni tal-Kunsill.

**32/06/05** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li nġibu stima għal tabelli ġodda ta' zebra crossing ta' Triq San Ġwann sabiex jiġu bħal ta' Triq Wieħed u Tletin ta' Marzu.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**32/07** **Korrispondenza**

**32/07/01** Il-Kunsill innota korrispondenza mis-Sa Bartolo fuq storbju fi Triq Mons. Luigi Catania ħdejn ic-Cent Anni wine bar. Il- Kunsill qabel li f'dawn il-każijiet is-Sa Bartolo ghandha tinforma hi lill-Pulizija.

**32/07/02** Il-Kunsill irċieva pagament re Memo 4/2016 – Lifelong Learning Courses.

**32/07/03** Il-Kunsill innota korrispondenza fuq il-kampanja ta' 34U

**32/07/04** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa Cheryl Falzon fuq id-devoluzzjoni tal-kamra fi Triq San Bartilmew. Il-Kunsill ihoss li din il-kamra tista tintuza bhala librerija u ser ikompli jinsisti.

**32/07/05** Il-Kunsill innota korrispondenza mid-Dipartiment tal-Artijiet fuq id-devoluzzjoni tal-kamra fi Triq San Bartilmew.

**32/07/06** Ġiet innutata Ċirkulari Numru 3/2017 – Laqgħa Plenarja nhar is-Sibt 4 ta' Marzu 2017.

**32/07/07** Ġiet innutata Ċirkulari Numru 2/2017 – Tqegħid ta' CCTV Cameras f'latrini pubbliċi.

**32/07/08** Il-Kunsill innota Ċirkulari Numru 1/2017 – Funzjoni dwar iż-żamma fi stat tajjeb u manutenzjoni tat-toroq.

**32/07/09** Il-Kunsill irċieva rapport mit-TM fuq talba għal Reserved Parking Bay fi Triq il-Ġnien.

**32/07/10** Il-Kunsill innota r-risposta tal-Avukat fuq l-issue tal-kiosks tal-festa.

**32/07/11** Il-Kunsill innota korrispondenza mid-DLG fuq il-pagament ta' €2000 rigward l-Attivitajiet Kulturali.

**32/07/12** Il-Kunsill innota ċ-Ċirkulari AKL Cirk 4/2017 – Group Health Insurance Policy 2017.

**32/07/13** Ġiet innutata talba għal Laqgħa Formali re WEEE bulky collection. Il-Kunsill ħa jitlob għal iktar informazzjoni.

**32/07/14** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Norbert Gatt fuq ir-Restawr tal-Victoria Lines. Gejna infurmati li mhu ser isir l-ebda xoghol.

**32/07/15** Il-Kunsill irċieva Rendikont tal-Għajnuna Finanzjarja (Miżura 125).

**32/07/16** Ġiet innutata korrispondenza mill-PA.

**32/07/17** Ġiet innutata Direttiva Numru 5A/2016 – Irtirar ta' Direttiva 5/2016 u Sostituzzjoni tagħha.

**32/07/18** Ġiet innutata korrispondenza dwar Sejħa Ġdida Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

**32/07/19** Il-Kunsill innota ċ-Ċirkulari Numru 50/2016 – Sejħiet għall-Offerti / Kuntratti dwar Manutenzjoni tad-Dawl fit-Toroq.

**32/07/20** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa Briguglio fuq bins.

**32/07/21** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa Briguglio fuq suġġerimenti għal Triq Ferdinand. Gie deciz li dawn is-suggerimenti ma jintlaqhux.

**32/08** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**32/08/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti.

**32/09** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**32/09/01** Il-laqgħa spiċċat fit-7:50p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 1 ta' Frar 2017 fis-6:00pm.

| | |
|---|---|
| *(firmati)* | *(firmati)* |
| **Ġiljan Aquilina** | **Maria Tanti** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |